*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 8**

**Il-Ħamis 9 ta' Jannar 2025.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**8.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittri t'aploġija tal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud.

**8.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 7 li saret Nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024:***

8.2.1.1 Il-Sindku talab sabiex issir emenda ta' paġna 1 fejn il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon titniżżel taħt assenti u mhux assenti b'apoloġija:

8.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qali li paġna 4 paragrafu 7.3.4 għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Perit ta' Infrastructure Malta is-Sinjura Janice Borg qalet illi ser issir din il-crash barrier min-naħa tagħhom.*

8.2.1.3 Is-Sindku talab sabiex issir emenda ta' minuta 7.2.2.13 ta' paġna 4 fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

*Is-Sindku qal illi kellimna s-Sur Ivan Pierre Vella li nforma lis-Sindku li l-Ministru ħabbar li ser izidu rotta.*

8.2.1.4 Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri talbet sabiex issir emenda ta' minuta 7.3.6 ta' paġna 5 fejn għanda tinbidel u tinqara hekk kif ġej:

***Laqgħa mall-Kunsill taz-zagħzagħ u tfal:***

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li hu flimkien mall-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri attendew ghal-laqgħa mall-Kunsill taz-zagħzagħ u tkellmu sabiex fil-laqgħa li jmiss jiġu l-membri tal-Kunsill taz-zagħzagħ u tfal waqt il-laqgħa tal-Kunsill.*

*Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi hemm bejn 12 u 16 ir-ruħ.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda s-Sindku. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

8.2.2 **Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 7 li saret Nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024:**

8.2.2.1 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 7.2.2.1 fejn qal li l-bus stop ta' Triq San Ġwakkin sar temporanjament.

8.2.2.2 Is-Sindku tkellem fuq paġna 2 paragrafu 7.2.2.3 fejn qal li sar eżerċizzju flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud fejn immarkaw il-konok vojta sabiex jsiru min-naħa ta' Project Green.

Il-Viċi Sindku talbet sabiex tkun infurmata minn qabel rigward dawn il-laqgħat peress li jaqgħu taħt ir-responsabilita` tagħha.

8.2.2.3 Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 7.2.2.4 fejn qal li għaddilhom il-kuntatt tal-Kunsillier Dr Patrick Camilleri peress li jkun hemm żewġ tipi ta laqgħat li huma wieħed fuq *solid waste* tal-Wasteserv u l-ieħor fuq *liquid waste* tal-WSC.

| | |
|---|---|
| | Id-diskussjoni tkompliet illi r-riħa xorta għada tinxtamm. |
| 8.2.2.4 | Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 7.2.2.8 fejn qal li Go irrispondew u aċċettaw illi t-telfon box li hemm ir-ramla tiġi konvertita f'librerija. Huwa qal lil Kunsillier is-Sinjorina Celina Camilleri sabiex tkellem lis-Sid tal-Legends li jista jibda jaħdem fuqha. Is-sid tal-legends kien offra li jwettaw ix-xogħol kollhu neċessarju. |
| 8.2.2.5 | Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 7.2.2.9 fejn qal illi issa l-kennies qedgħin kollha cioe 8 ħaddiema u supervisor.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal sabiex niġbdulhom l-attenzjoni ħalli ma jgħamlux ħafna stordju bil-karretta filgħodu kmieni<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li l-iktar li jkollna ilmenti huma Triq l-Għassies u Triq in-Nadur.<br><br>Il-Viċi Sindku qalet li hija tal-opinjoni sabiex fejn jiddepożotaw iż-żiebel jsiru *pots* u *cameras.*<br><br>Is-Sindku qal li *cameras* għalxejn għaliex meta persuna tkun bir-riġel ma tintgħarafx bil-camera. Huwa qal li tkellem mal-LESA u jekk inħalsuhom extra jkunu jistgħu jibgħatu gwardjani hemmhekk u ser jieħdu passi. Kien hemm ukoll diskussjoni mal-ERA fejn ukoll ser jibgħatu nfurzar |
| 8.2.2.6 | Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 7.3.3 fejn qal li tappira tranġat. |
| 8.2.2.7 | Is-Sindku tkellem fuq paġna 4 paragrafu 7.3.4 fejn qal illi l-crash barrier li tinsab fi Triq id-Daħla ta San Tumas ser tintraġa minn Infrastructure Malta. |
| 8.2.2.8 | Is-Sindku tkellem fuq paġna 5 paragrafu 7.3.7 fejn qal li rigward il-gym tal-anzjani qiegħed imdaħħal fil-pjanti il-ġodda li saru min-naħa tal-MTA fil-proposta ta' ġnien ġdid fil-Fajtata f'San Tumas inkluż iċ-ċnut. |
| 8.2.2.9 | Is-Sindku tkellem fuq paġna 7 paragrafu 7.7.2 fejn qal li mar miegħu fuq il-post pero għadu ma sarx xejn rigward ic-CCTV tal-Bidni.<br><br>Kien hemm qbil biex niccekjaw. |
| 8.2.2.10 | Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 paragrafu 7.9.4 fejn staqsa jekk inxtarax il-mobile.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jitkellem mal-Kunsillier is-Sur John b Camilleri peress li ser jinħareġ tender ġdid fuq id-dwal tat-toroq min-naħa tar-Reġjun. |
| 8.2.2.11 | Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkellmet fuq paġna 4 paragrafu 7.3.2 staqsiet jekk hemmx xi *update fuq it-traffic management* l-oħrajn ta' Triq id-Daħla ta San Tumas.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit bgħatilna l-pjanta imma ma tistax issir *roundabout* u qalla li ser jibgħatilha l-pjanta. |
| 8.2.2.12 | Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa fuq paġna 4 paragrafu 7.2.2.13 fejn ir-rotta bdietx.<br><br>Is-Sindku wieġbu li ser tibda. |

| | |
|---|---|
| | Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll fuq is-servizz tal-Silver T jekk jistgħax jibda jopera għal isptar.<br><br>Kien hemm qbil li nistaqsuhom. |
| 8.2.2.13 | Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 7.2.2.12 fejn il-kimika sarietx fuq il-bankina fi Triq il-Qaliet ma Triq il-Kappara. |
| | Is-Sindku qal li l-kimika mhux tajba u kif sar ġo triq oħra ser isir f'din it-triq illi titbaqqan ftit.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| 8.3 | **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>** |
| 8.3.1 | **<u>Bilanċ tal-leave tal-ħaddiema klerikali sabiex jiġi pospost għas-sena 2025:</u>**<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qara il-lista tal-ħaddiema kleriklai li għandhom il-leave x'jġġedded għas-sena 2025. Is-Sinjura Lucille Bonnici 70hrs, is-Sinjura Marthese Sciberras 15hrs, is-Sinjura Rebecca Micallef 16hrs, is-Sinjura Sharon Schembri 1hrs u s-Sinjorina Chantel Zammit 106hrs.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| 8.3.2 | **<u>Talba tas-Sinjura Marthese Sciberras biex iżżid is-siegħat tax-xogħol:</u>**<br><br>Is-Segretarju E'ekuttiv qal li s-Sinjura Marthese Sciberras tablet sabiex iżżied is-siegħat tax-xogħol minn 30 siegħa għal 35 siegħa fil-ġimgħa.<br><br>Il-Kunsill qabel dwar dan. |
| 8.3.3 | **<u>Żieda fil-point tas-Sinjura Marthese Sciberras minn Skala 16 point 4 għal Scale 16 point 5 minn Jannar 2025:</u>**<br><br><u>Il</u>-Kunsill qabel dwar dan |
| 8.3.4 | **<u>KLM2020/03 Marsaskala Local Council Finishings:</u>**<br><br>Is-Segretarju Eżkeuttiv spjega illi l-kuntrattur tal-*finishes* tal-binja tal-Kunsill qed titlob sabiex il-*performance guarantee* u l-*insurance* jiġu rilaxxati għaliex min-naħa tagħhom huma lestew ix-xogħol li kien hemm fil-kuntratt u n-nuqqas li qed jiġu ndirizzati sabiex inġibu l-*compliance* mhux min-naħa tagħhom u daħħlna *minor emendment*. Huwa spjega illi ser jinżammu t-10% *retention money.*<br><br>Il-Kunsill qabel dwar dan. |
| 8.3.4.1 | Is-Sindku qal sabiex niktbu lil infrastructure malta rigward il-lift tal-iskola fiex wasal u anke tat-taraġ.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| 8.3.5 | **<u>Continuation of work for Alexandra Mallia (35/0016/25/I).</u>**<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjura Alexandra Mallia talbet sabiex iġġeded iż-żmien tal-impjieg tagħha minflokk toħroġ bil-penzjoni. |

| | |
|---|---|
| 8.3.6 | Increase of garage rent from €2000 to €3000 yearly:<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ilna mis-sena 2016 bl-istess rata u issa qed jitolbu għażżieda ta' €1000 fis-sena għal 3 snin. |
| | Kien hemm qbil dwar dan. |
| 8.3.7 | **<u>SPI.SCI.1.2025 – Korsijiet Lifelong learning 2025-2026 (35/0007/25/I)</u>**<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li anke hemm mozzjoni li ser titressaq f'din il-laqgħa.<br><br>Is-Sindku qal li il-proġett tal-Optimist Club għat-tfal li jkollom bżonn l-għajnuna, applikat persuna waħda u għada ser jiltaqu mgħahom u ser jissurġerixxu li tiġi estiża għal barranin.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celina Camilleri qalet li avviċinawa barranin li jixtieq jitgħalmu l-Malti bażiku. Hija kompliet tispjega li kull ma għandhom bżonn huwa white board jew flip chart, projector u laptop għal għalliem. Hija qalet ukoll li apparti il-Malti bażiku jsir kors ieħor tal-kraft.<br><br>Il-Kunsilliera qablu li jsir il-kors tat-tagħlim tal-Malti u l-Ingliż bħala lingwa barranija u issir ukoll lezzjonijiet tal-kraft jew tas-*sewing basic* pero` nistaqsu jekk iridux nixtru il-magna aħna jew isir creative knitting jew crouchet dejjem jekk ma jiklexjax mal- kors tal-Malti u Ingliż. |
| 8.3.8 | **<u>Tender Street Lighting Maintenance (35/3476/24/I)</u>**<br><br>Is-Segrtarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt illi għandna bħalissa huwa skadut u ser tinħareġ sejħa għal offerti min-naħa tar-Reġjun u talabna jekk aħniex interessati jew le, huwa qal li huwa tal-opinjoni illi nidħlu u nassiguraw illi fil-boq's jkun hemm imdaħħal l-affarijiet kollha li aħna ngħamlu bħal dawl dekorattiv u lanterni fost affarijiet oħra.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| 8.3.9 | **<u>Quotations on fibreglass and wood on Kajjik for Gnien Sant Anna</u>**<br><br>Il-Kunsill qabel li tintgħażel l-istima tal-kisi finali bi-fibreglass. |
| 8.3.10 | **<u>Triq Sant Anna</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll fuq Triq Sant Anna rigward is-survey li kellhu jsir.<br><br>Is-Sindku spjega li kellhu laqgħa mac-CEO u qallu li jistgħa jsir għallissa billi tinbarax u issir laqa tarmak, umbgħad meta tinfetaħ it-triq alternattiva minn Triq Frans Grech umbgħad tkun tista issir sew mill-ġdid għaliex hemmek taħt il-bankina kemm il-kċejjen tar-ristoranti u biex issir mill-ġdid huwa proġett li ser jieħu fit-tul u jekk ma jkun hemm triq alternattiva minfejn wieħed jgħaddi ser jinqala rebus sħiħ.<br><br>Kien hemm qbil li tinbarax u issir ftit tarmak.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li importati li budget li hekk allokat għalija jibqa disponbli għalija mhux umbgħad ma issirx. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal li b'xi mod triq tgħola it-triq għaliex bieba ta karozza ma tinfetaħx meta tkun ipparkjat.<br><br>Is-Sindku qal li mac-Ceo tkellem fuq Triq Sant Anna u tkellmu hekk kif għadu kif spjega, Triq La Sengle l-ewwel parti, Triq is-Silla u issir fi tlett fażijiet, u l-bankina ta quddiem l-airbnb ta' Pjazza Dun Tarċis Aguis fejn qal li hu kellem lis-sid sabiex jirrenġa l-bankina għaliex perikoluża u sar ftehijm ma infrastructre malta sabiex il-bankina issir min-naħa tagħhom.<br><br>Kien hemm qbil li tintbgħat il-lista tat-toroq lil Kunsilliera. |
| 8.3.11 | **<u>Traffic Management Bellavista:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll fuq it-traffic management ta' Bellavista.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna konna rajna illi l-*construction build out* kienu ser jintilfu madwar parkeġġi minn kull triq, iżda huma infurmawh li dawn saru fuq iul-guildlines ta transport malta. Huwa qal li l-Perit qed jikkomunika ma Transport Malta jekk nistgħux inċeknuwhom u qed nistennew risposta.<br><br>Is-Sindku qal li fil-15 ta' Jannar ser issir laqgħa għand transport Malta sabiex jiddiskutu fejn hemm it-traffic lights ta' quddiem l-Inspire. Il-ħin ser jiġi ikkonfermat iktar il-quddiem. |
| 8.3.13 | **<u>Transport Fund:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hemmx xi *update* fuq it-*transport fund*.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li tal-Marsaskala Football club qalulhu x għandhom bżonn, mentri tal-waterpolo iltaqa mgħahom iżda ma qalulux x għandhom bżonn u qal li għand jrid jiltaqa ma tal-hockey<br><br>Il-Kunsill qabel li jiġu allokati €3000 euro għas-sena 2025lil Marsaskala Football Club. |
| 8.3.14 | **<u>Update fuq il-Pixxina:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku staqsiet jekk hemm xi update fuq il-pixxina peress *businesses* li jixtiequ jkunu jafu jekk hux ser jinvestu jew le ħalli jkunu jafu x'ser jiġri minħabba it-titlu l-ġdid li jista jkun hemm għaliex ma għandhomx kuntatt.<br><br>Id-diskusjoni tkompliet u qablu niktbu lis-CEO is-Sur Mark Cutajar u anke lil Ministru fejn nistsaqshom x ser jiġri minnhom u jekk hemmx xi termini iffisati |
| 8.3.15 | **<u>Palm f'San Tumas:</u>**<br><br>Il-Viċi Sindku qalet li tkelmet mal-*Plant directorate* u qablu li jtuni 100 palma sabiex jitħawlu max-xatt ta' San tumas minn quddiem iz-Zion sal Munxar u anke fil-fetħa fejn kienu ġew klirjati id-dagħjes. Hija qalet li ser jitħawlu fil-forshore. Hija spjegat illi l-*agreement* huwa illi meta dawn il-palm jikbru sew is-sajjieda jkunu jistgħu jaqtu il-palm minnhom biex jużahom għal kannizati. |

| | |
|---|---|
| | Kien hemm qbil li nistaqsu jekk il-manutenzjoni hux ser tkunu f'idejna jew f'idejhom minħabba it-tisqija. |
| 8.3.16 | **<u>Stage ħdejn l-Inspire:</u>**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela staqsa fuq l-istage ta' ħdejn l-inspire għax għadu ma isewwiex.<br><br>Il-Kunsill qabel sabiex nibgħatu lis-Sur Mario Fava LCA. |
| 8.3.17 | ***<u>Mwejjed u Siġġijiet</u>***<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal li hemm bżonn issir pressjoni mal-awtoritajiet fuq l-imwejjed u siġġijiet ta' TRiq ix-Xatt fejn ċertu minnhom lanqas għandhom permess.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienteb kemm il-darba u anke talbuh sabiex intuh l-ismijiet tal-ħwienet wieħed wieħed sabiex jiċċekja pero` qatt ma irrispondew lura.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk meta jkun każ fejn irridu nirraporturaw jekk hemmx fejn nirrapurtaw.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li lil Lands fis-sezzjoni tal-*enfocements.*<br><br>Il-Viċi Sindku spjegat illi b'rapport tal-Lands jinżlu u anke jkollhom l informazzjoni sa fejn għandhom *encroachment* u anke l area li għandhom fil-permess fejn jistgħu jpoġġu l-imwejjed u siġġijiet u jġawlhom jirregolar ruħhom.<br><br>Kien hemm qbil li niktbu lil enforcement tal-Lands. |
| 8.3.18 | **<u>Van CBX302</u>**<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informal il Kunsilliera illi dan il-van tal-Kunsill kien inbigħ għal prezz ta €600.00 |
| 8.4 | ***<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>*** |
| 8.4.1 | ***<u>Mistoqsija 004 mressaq mill-Kunsillier – Is-Sinjorina Celine Camilleri:</u>***<br><br>*Nixtieq nistaqsi minn qed jieħu ħsieb il-website tal-Kunsill u għaliex ilha ma tiġi updejtjata dawn l-aħħar erbgħa snin.*<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-passatt il-Kunsill kellhu website aġġornata iżda id-dipartiment kien waqqafna. Din l-aħħar sena reġgħet saret website ġdida. Huwa spjega bħala dokumenti amministrattiv jsiru. Huwa qal li qed jitkellem mas-Sur Marlon Abela tar-Reġjun u qed tiġi aġġornata.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet li hemm ħafna informazzjoni xi trid timtela.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet jekk in-notice boards hux qed jiġu updated.<br><br>Is-Sindku wieġeb li iva. |

| | |
|---|---|
| **8.5** | <u>**Rapporti:**</u> |
| **8.5.1** | <u>***Quarterly Report 4 (October to December 24)***</u><br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv spjega il-quarterly report. Huwa spjega illi FSI jindika 51%<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **8.6** | <u>***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;***</u><br><br>Ma kienx hemm items oħra |
| **8.7** | <u>***Korrispondenza:***</u> |
| **8.7.1** | <u>**Performance Bonus 2024:**</u><br><br>Is-Sindku irringrazzja lis-Segreatrju u l-istaff tax-xogħol li jgħamlu. Huwa kompla jgħid illi fl-opinjoni tiegħu is-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema klerickali għandhom jingħataw il-massimu tal-persentaġġ, kif ukoll il-ħaddiema tal-komunita` u l-ħaddiema tal-RSS għandhom jingħataw il-massimu ukoll.<br><br>Kien hemm qbil dwar dan. |
| **8.8** | <u>**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 8:**</u> |
| **8.8.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-pagamenti li daħlu tard |
| **8.8.1.1** | Comsec invoice 27208 li tammonta għal €151.04 |
| **8.8.1.2** | J&P Grech invoice 133600 li tammonta għal €15.75 |
| **8.8.1.3** | Parocca Sant'Anna Marsaskala invoice 12 li tammonta għal €200 |
| **8.8.1.3** | Alan Spiteri Mini Bus Service li tammonta għal 525.00 |
| **8.8.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li pagamenti nru 6822 huma innizżel doppju u għandu jiġi ikkanċellat. |
| | ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni*** |
| **8.9** | <u>**Mozzjonijiet:**</u> |
| **8.9.1** | <u>**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri u issekondata mis-Sindku (Nru022-2/1/25):**</u><br><br>*Tipproponi li f'Marsaskala jibdew jingħataw lezzjonijiet tal-lifelong learning. Dawn jistaw jinżammu fil-Training Centre li għadna fi Triq il-Kappara.*<br><br>*Minħabba l-fatt li għadna numru kbir ta' barranin nissuġġerixi li jingħataw lezzjonijiet tal-Malti għall-barranin. Din tgħin għall-integrazzjoni aħjar u biex tissaħħaħ il-kultura maltija.*<br><br>*Jekk ikun possibli nistaw nagħtu wkoll lezzjonijiet ta' aktar suġġetti fosthom ta' arti u saħħa.*<br><br>*Hawn taħt tistaw issibu l-lista ta' suġġetti li joffru l-lifelong learning.*<br><br>Din il-mozzjoni ġiet diskussa iktar kmieni |

| | |
|---|---|
| **8.10** | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.<br><br>L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2025 fis-6.00pm. |
| | Ikkonfermat illum 9 ta' Jannar 2025. |

IFFIRMAT

_______________

**Josef Grech**
**Segretarju Ezekuttiv**

IFFIRMAT

________________

**Mario Calleja**
**Sindku**

Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 8 id-Disa Leġislatura